MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 12/2003

**Villa Arrigo Limited**

**vs**

**Ramon Pollacco**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm1657.44 liema ammont huwa dovut fuq tmien kambjali accettati (numri 5/99, 6/99, 7/99, 8/99, 9/99/2000, 10/99/2000, 11/99/2000, 12/99/2000) (kopja awtentika annessa mal-avviz) kollha skaduti (fit-30/9/99, 31/10/99, 30/11/99, 31/12/99, 31/1/00, 28/2/00, 31/3/00 u 30/4/00 rispettivament) protestati u mhux imhallsa.

Bl-ispejjez, inkuzi dawk tal-ittri ufficjali ta' 1 ta' Ottubru 2001 u tat-28 ta' Gunju 2002, tal-protest tal-11 ta' Novembru 2002 (anness mal-avviz) u bl-interessi sa mid-

data ta’ l-iskadenza rispettiva ta’ kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi veri kopji tal-kambjalijiet involuti (fol 2 sa fol 5 tal-istess atti) kif ukoll il-kopja vera tal-protest kambjarju anness a fol 6 ibid.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-12 ta' Frar 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm1657.44,0 bl-imghax legali mid-data tal-iskadenza ta’ kull kambjala kif specifikata fl-istess avviz sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittri ufficjali tal-ewwel (1) ta’ Ottubru 2001 u tat-28 ta’ Gunju 2002 u tal-protest imsemmi tal-11 ta’ Novembru 2002.

--------------------------------TMIEM-------------------------------